

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-24 ta' April 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2000/745/KE li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċedimenti tal-antidumping u kontra s-sussidji li jikkonċernaw l-importazzjonijiet ta' ċertu polietilentereftalat (PET) li joriġina mill-Indja, l-Indoneżja, il-Malasja u r-Repubblika tal-Korea, it-Tajwan u t-Tajlandja

(2013/223/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (⁽¹⁾) ("ir-Regolament bażiku tal-antidumping"), u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 9 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. MIŻURI EŻISTENTI

- (1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 192/2007 (⁽²⁾) u wara analiżi tal-iskadenza u analiżi parzjali interim, il-Kunsill impona dazju definitiv tal-antidumping fuq l-importazzjoni ta' ċertu polietilentereftalat ("PET") li joriġina mill-Indja, l-Indoneżja, il-Malażja, ir-Repubblika tal-Korea, it-Tajlandja u t-Tajwan. Il-miżuri kienu oriġinarjament ġew imposti f'Awwissu tal-2000 (⁽³⁾). Attwalment il-miżuri huma soġġetti għal analiżi oħra tal-iskadenza (⁽⁴⁾).
- (2) Il-Kummissjoni, permezz tad-Deċiżjoni 2000/745/KE (⁽⁵⁾) ("id-Deċiżjoni") aċċettat impenn fuq il-prezz ("l-impenn"), fost l-oħrajn mill-kumpanija Indoneżjana P.T. Polypet Karyapersada ("Polypet"). Wara s-sejbiet u l-konklużjoni jiet relatati ma' analiżi ta' "esportatur ġdid" (⁽⁶⁾), il-Kummissjoni, bid-Deċiżjoni 2002/232/KE (⁽⁷⁾) li temenda d-Deċiżjoni 2000/745/KE, aċċettat impenn mill-kumpanija Indjana Futura Polyesters Limited ("Futura").

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

⁽²⁾ ĠU L 59, 27.2.2007, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 199, 5.8.2000, p. 48.

⁽⁴⁾ ĠU C 55, 24.2.2012, p. 4.

⁽⁵⁾ ĠU L 301, 30.11.2000, p. 88.

⁽⁶⁾ ĠU L 78, 21.3.2002, p. 4.

⁽⁷⁾ ĠU L 78, 21.3.2002, p. 12, ĠU C 116, 15.5.2003, p. 2.

B. OBBLIGI LI JOĦORĠU MILL-IMPENN

- (3) Wieħed mill-obbligi fundamentali li jirriżultaw minn impenn huwa r-rappurtar kull tliet xhur tal-bejgħ, li jippermetti lill-Kummissjoni timmonitorja l-impenn b'mod effettiv. L-obbligu tal-monitora ggħi ikopri wkoll sitwazzjoni fejn ma jsirx bejgħ matul tliet xhur partikolari (l-hekk imsejjaħ rapport ta' "bla bejgħ").
- (4) Barra minn hekk, il-produtturi esportaturi għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni immedjatamente dwar kwalunkwe bidla fl-istruttura korporattiva tal-kumpanija li tista' jsseħħ matul l-applikazzjoni tal-impenn.
- (5) Id-dispożizzjonijiet tal-impenn jistipulaw li n-nuqqas ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni dwar dawn il-kwistjoni jiet jitqiesu bħala ksur tal-impenn. Deċiżjoni reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja (⁽⁸⁾) kkonfermat ukoll li l-obbligli tar-rappurtar għandhom jitqiesu bħala obbligli primarji għat-tħaddim sewwa tal-impenn.

C. KSUR TAL-IMPENN

- (6) Il-kumpanija Polypet ma bagħtitx rapport tal-bejgħ firrigward tat-tielet tliet xhur tal-2012, minkejja t-tfakkiriet ripetitivi. Barra minn dan, għall-kontrarju tad-dispożizzjonijiet tal-impenn li l-kommettiet ruħha għalih il-kumpanija. Polypet ma informatx lill-Kummissjoni immedjatalement li l-assi tagħha nbiegħu lil-kumpanija Indoneżjana oħra f'Awwissu 2012. Ma wasal l-ebda rapport firrigward tar-raba' tliet xhur tal-2012.
- (7) Il-kumpanija Futura ma bagħtet l-ebda rapport għat-tielet u r-raba' tliet xhur tal-2012, minkejja t-tfakkiriet ripetitivi.
- (8) Dawn in-nuqqasijiet fil-preżentazzjoni u n-notifikasi dwar il-bidla fl-istruttura tal-kumpanija jikkwalifikaw bħala nuqqas ta' kooperazzjoni kontinwu, u b'hekk ksur tad-dispożizzjonijiet tal-impenni. Dan jiġiustifika l-irtirar taż-żeewġ impenji.

⁽⁸⁾ Kawża C-552/10 P, <http://curia.europa.eu/juris/document/document.jsf?text=&docid=130244&pageIndex=0&doLang=en&mode=req&dir=&occ=first&part=1&cid=825501>

D. SOTTOMISSJONIJIET BIL-MIKTUB**Artikolu 2**

- (9) Iż-żewġ kumpaniji ngħataw l-opportunità li jinstemgħu u jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub. Ma waslet l-ebda sottomissjoni mingħand il-kumpaniji

E. EMENDA TAD-DEĊIJONI 2000/745/KE

- (10) Għalhekk, skont l-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku tal-antidumping kif ukoll skont il-klawżoli rilevanti tal-impenji li jawtorizzaw lill-Kummissjoni tirtira l-impenn, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-aċċettazzjoni tal-impenji offruti mill-kumpaniji Polypet u Futura għandha tiġi rtirata u li d-Deċiżjoni 2000/745/KE kif emendata mid-Deċiżjoni 2002/232/KE għandha tiġi emendata. Għaldaqstant, id-dazju definitiv tal-antidumping impost permezz tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 192/2007 għandu japplika awtomatikament għall-importazzjonijiet ta' PET manifatturat mill-kumpaniji Polypet u Futura (kodiċi addizzjonali TARIC A193 għal Polypet u Kodiċi addizzjonali TARIC A184 għal Futura),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-aċċettazzjoni tal-impenji fir-rigward tal-kumpaniji P.T.Polypet Karyapersada, l-Indoneżja (kodiċi addizzjonali TARIC A193) u Futura Polyesters Limited, l-Indja (kodiċi addizzjonali TARIC A184) qiegħda b'dan tiġi rtirata.

It-tabella tal-Artikolu 1 fid-Deċiżjoni 2000/745/KE qed tinbidel bit-tabella li ġejja:

“Pajjiż	Kumpaniji	Kodiċi TARIC addizzjonali
L-Indja	Reliance Industries Limited	A181
L-Indja	Pearl Engineering Polymers Limited	A182
L-Indja	Dhunseri Petrochem & Tea Limited	A585”

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħi l-ġħada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO